# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001.**

**Numru 16**

**Citaz. numru 344/97 GV**

**Nazzareno Parnis**

**vs**

**Helen u Rita ahwa Parnis**

**Il-Qorti;**

**<u>ECCEZZJONI TA' DEZERZJONI</u>**

Dan hu appell tal-attur minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Novembru 1998, fil-kawza fl-ismijiet premessi li biha laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra tieghu.

L-appell gie prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Dicembru 1998. Din il-Qorti ffissat il-jum tas-smiegh tal-kawza ghat-28 ta' Frar 2000, u l-kawza kellha l-ewwel smiegh fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2000. F'dik is-seduta gie kkostatat illi l-appellati kienu ghadhom mhumiex notifikati bir-rikors tal-appell, ghalkemm kien jidher li kienu gew notifikati bil-mozzjoni tal-appuntament.

Fis-seduta tal-ewwel smiegh quddiem din il-Qorti, l-appellant ma deherx u deher biss l-avukat tal-appellati li f'isimhom eccepixxa d-dezerzjoni tal-appell. Dan naturalment fit-termini tal-artikolu 963 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jipprovdi illi l-procedura bil-miktub f'kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti fil-grad ta' appell fiz-zmien perentorju ta' sena.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Minn l-atti jirrizulta illi sal-lum, wara aktar minn sena mid-data meta din il-Qorti appuntat l-appell ghas-smiegh u wara aktar minn sentejn minn meta r-rikors tal-appell gie prezentat, dan ir-rikors kien ghadu ma giex notifikat lill-appellati. Jirrizulta in fatti mill-atti illi kien sar tentattiv wiehed biex dan l-att jigi notifikat skond il-ligi lill-appellati permezz tal-purtier, li, mir-riferta, jirrizulta li mar f'indirizz moghti San Gwann fil-21 ta' Dicembru 1998, u f'din l-okkazjoni ma fetahlu hadd. Ma sar l-ebda tentattiv iehor biex l-appellati jigu notifikati bir-rikors tal-appell.

Ma tirrizulta allura fil-fehma tal-Qorti l-ebda raguni gustifikattiva illi tintitolaha tissana d-dezerzjoni li avverat ruhha minn nuqqas da parti tal-appellant li jassigura li l-procedura bil-miktub fi stadju ta' appell jigu definittivament maghluqa fiz-zmien statutorju ta' sena. Il-ligi tipprovdi illi din il-procedura bil-miktub f'dan l-istadju tinghalaq appena tigi ntavolata r-risposta ghar-rikors tal-appell jew jiskadi t-terminu li fih kellha ssir tali risposta.

Fil-verita', l-ebda tentattiv ma sar quddiem din il-Qorti biex l-appellant jiggustifika l-mankanza tieghu. Kellu allura ibati r-rigur tal-ligi. Ghall-kompletezza u ghax hekk hu ndikat, din il-Qorti qed tinnota wkoll illi fir-riferta tal-marixxal meta ghamel tentattiv wiehed biex jinnotifika lill-apellati bir-rikors tal-appell, ma hemmx indikazzjoni illi huwa kien gharraf lill-avukat jew il-PL permezz ta' ittra bl-ezitu negattiv ta' tali notifika.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha fil-kawza "Edwin Privitera vs Joseph Borg et", f'digriet moghti fis-6 ta' Ottubru 1999 (1365/90 JF), u tapplika dawk il-konsiderazzjonijiet mutatis mutandis fejn huma applikabbli ghall-kaz taht ezami. Tirribadixxi li r-regoli kif inhuma llum, bl-ebda mod ma jimponu fuq l-ufficjal tal-Qorti illi jinforma lill-avukat jew lill-Prokuratur Legali bl-ezitu negattiv ta' notifika, f'dawk il-kazijiet fejn tali notifika ssir personalment mill-ufficjal tal-Qorti.

Ir-regoli in fatti jimponu tali avviz minn ufficjal ezekutur fejn in-notifika tal-att issir bil-posta. Jidher li hemm lok li tigi assigurat uniformita' f'din il-materja u konformita' mad-dispost ta' ligi u tar-regolamenti.

Ghal din ir-raguni, kopja ta' dan id-digriet kif ukoll tad-digriet fuq citat fil-kawza "Edwin Privitera vs Joseph Borg et" ghandhom jigu komunikati lid-direttrici generali ghal kull azzjoni li jidhrilha xieraq fic-cirkustanzi. U hekk qed tordna li jsir.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni tad-dezerzjoni sollevata tempestivement mill-konvenuti appellati, ma tiehux aktar konjizzjoni tal-mertu u tordna kancellament tal-kawza minn fuq il-lista.

L-ispejjez jithallsu mill-appellant.

Dep/Reg

mg